MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 1101/2013

**Dr Kris Borg**

**-vs-**

**Piraeus Bank A.E., reġistrat il-Greċja, rappreżentat lokalment mill-mandatarju speċjali tiegħu Dottor Louis Cassar Pullicino; u**

**Il-Bastiment M.V. Triantafillos M, IMO Numru 9428152, reġistrat Malta *b'call sign* 9HWAH u tunnellaġġ *gross* 5222, reġistrat hawn Malta fil-proprjeta' ta' Indra**

**Navigation Inc, soċjeta' reġistrata fil-Marshall Islands**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Dottor Louis Cassar Pullicino nomine ppreżentat fis-17 ta' Settembru 2013 fejn ġie premess:

Illi bis-saħħa taċ-ċedola ta' depożitu fl-ismijiet premessi, giet depożitata s-somma ta' tlett miljun u mitejn elf Euro (€3,200,000.00) rappreżentanti prezz tal-bastiment m.v. Triantafillos M, u dan wara li l-bejgħ tal-istess bastiment ġie approvat skond digriet mogħti mill-Qorti fid-19 ta' Ġunju 2013;

Illi mill-atti ġiudizzjarji preżentati fir-reġistru, jirriżultaw is-segwenti kredituri li avvanzaw pretensjonijiet fil-konfront tal-bastiment m.v. Triantafillos M jew fuq ir-rikavat minn dan il-bejgħ, u ċjoe':-

Piraeus Bank A.E. fis-somma ta' €30,024,326.00;

Francis E. Sullivan Company Ltd fis-somma ta' €14,218.88;

Dottor Philip Manduca bħala mandatarju ta' Hempel Coatings (Hellas) SA fis-somma ta' €18,704.00;

Dr. Keith Borg bħala mandatarju ta' Thermaikos Shipping & Trading Ltd fis-somma ta' €16,519.00;

Dr. David Gonzi bħala mandatarju ta' Destel Marine Ltd fis-somma ta' €81,053.24;

Dr. Joseph Mizzi bħala mandatarju ta' Global Marine Supplies Spa fis-somma ta' €12,198.62;

Dr. Larry Gauci bħala mandatarju ta' KPI Bridge Oil Limited fis-somma ta' €163,696.49;

Dr. Tonio Grech bħala mandatarju ta' Taxidia Tourismos Anyland Travel Limited fis-somma ta' €28,544.00, ta' Issam Zeitone fis-somma ta' €25,035.00, Paoiutis Charalambos fis-somma ta' €19,932.00, Elias Papageergiou fis-somma ta' €16,506.00 u Maroulis Spyridon fis-somma ta' €5,000.00.

Illi l-esponenti fl-ewwel lok ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jiġi żbankat l-kreditu dovut lil Francis E. Sullivan Company Limited fis-somma ta' €14,218.88) jiġi żbankat mill-ammont depożitat billi dan jippregradwa kull kreditu ieħor; in fatti hemm rikors pendenti tal-imsemmi kreditur għall-iżbank tal-kreditu msemmi u l-esponenti intavolta risposta fejn ma oġġezzjonax;

Illi wara li jitnaqqas l-izbank tal-kreditu dovut lil Francis E. Sullivan msemmija hawn fuq ser jibqa' bilanċ ta' €3,185,781.12;

Illi l-kreditu tal-Bank esponent huwa munit b'*mortgage* u ġie reż titolu eżekuttiv;

Illi komplessivament il-krediti tal-kredituri rimanenti u li ser jikkompetu mal-Bank esponent ser jammontaw għal €377,188.48 u fil-fehma umli tal-esponent mhuwiex il-każ illi titħalla somma hekk kbira depożitata fir-reġistru għall-eventwali konkors għalkemm l-esponent jirrikonoxxi li tista' titħallas somma akbar ta' €500,000 sabiex tagħmel tajjeb kemm għall-krediti indikati ta' €377,188.48 kif ukoll għal kull eventwali spejjeż u imgħaxijiet;

Illi dina t-talba qed issir b'dan il-mod għas-sempliċi raġuni illi anke jekk għal grazzja tal-argument il-krediti l-oħra rimanenti jippregradwaw dak tal-Bank esponent, ħaġa li l-Bank ma jaċċettax f'dan l-istadju, xorta huwa l-każ illi l-Bank esponent ser ikun intitolat jiżbanka l-bilanċ u għalhekk ma jagħmilx sens illi somma konsiderevoli titħallas l-Qorti b'telf kbir ta' imgħax;

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(i) Tawtoriżża l-iżbank tas-somma ta' €14,218.88 a favur ta' Francis E. Sullivan Company Limited;

(ii) Tawtorizza l-iżbank tas-somma ta' €2,685,781.12 bħala ħlas akkont tal-kreditu dovut lill-Bank esponent Piraeus Bank A.E.;

(iii) Tordna l-ftuħ ta' konkors ta' kredituri a rigward tas-somma rimanenti fl-atti taċ-ċedola fl-ismijiet premessi.

Rat illi l-Qorti permezz ta' digriet tas-16 ta' Ottubru 2013 ċaħdet it-tieni talba *stante* l-oppożizzjoni u laqgħet it-tielet talba;

Rat illi l-ewwel talba kienet ġiet milqugħa permezz ta' digriet ieħor tat-2 t'Ottubru 2013;

Rat ir-risposta ta' Dottor Tonio Grech bħala mandatarju ta' Taxidia Tourismos Anyland Travel Limited ippreżentata fl-14 ta' Ottubru 2013 eċċepixxa:

Illi huwa jirreferi għar-rikors ta' Piraeus Bank A.E. li ġie pprezentat fis-17 ta' Settembru 2013 u ġie notifikat lilu fid-9 t'Ottubru 2013. Din l-Onorabbli Qorti tat lill-esponenti ħamest ijiem għar-risposta.

Illi rigward l-ewwel talba, l-esponenti jixtieq iġib l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi huwa joġġezzjona għall-iżbank tas-soċjeta' Francis E. Sullivan *stante* li din is-soċjeta' għandha kreditu bħal kredituri oħra u kemm-il darba tiġi awtorizzata tiżbanka tkun qed tiġi privileġġjata a skapitu tal-kredituri l-oħra. *Inoltre* kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel 1-artikolu 422 tal-Kap. 12 huwa ċar taħt liema kondizzjoni żbank simili jista' jseħħ. Għaldaqstant ġjaladarba din l-Onorabbli Qorti qed tinforma lill-esponenti li b'digriet tagħha datat 2 ta' Ottubru 2013 hija ġja' awtorizzat dan l-iżbank lis-soċjeta' Francis E. Sullivan, din l-Onorabbli Qorti għandha tara li dan id-digriet jiġi revokat immedjatament *contrario imperio*, u dan sabiex jiġu evitati proċeduri ulterjuri.

L-esponenti joġġezzjona għat-tieni talba ta' Piraeus Bank *stante* li huwa prematur illi jiġu żbankati flus mis-somma depożitata *stante* illi skond l-artikolu 416 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili

(Kap.12) jistgħu jidħlu pretensjonijiet oħra sa żmien xahar mill-ftuħ tal-konkors tal-kredituri, liema konkors għadu ma nfetaħx. *Inoltre* skond l-artikolu 422 tal-istess Kodiċi sabiex jiġu żbankati flus taħt l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti huwa meħtieġ il-kunsens tal-kredituri kollha u dan mhux diskrezzjonali.

Għar-rigward tat-tielet talba l-esponenti jirrileva illi ġjaladarba ssir talba għall-ftuħ tal-konkors u dan jiġi milqugħ minn din l-Onorabbli Qorti dan il-konkors ikun miftuħ għal kull kreditur u ma jistax jiġi limitat għar-rimanenti kif qed jitlob ir-rikorrent.

Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti il-premess, jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda a spejjeż tiegħu.

Rat ir-risposta ta' Dottor Keith Borg bħala mandatarju ta' Thermaikos Shipping & Trading Limited ippreżentata fil-11 ta' Ottubru 2013 li permezz tagħha espona:

Din hija r-risposta tal-istanti nomine għar-rikors ta' Piraeus Bank A.E. tas-17 ta' Settembru 2013, illi permezz tagħha l-istanti ma huwiex qiegħed jopponi għat-talbiet kif dedotti fl-istess rikors.

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru 2013 li permezz tiegħu din il-Qorti ordnat in-notifika tal-kredituri tal-bastiment imsemmi u li permezz tiegħu ġiet iffissata d-data tad-19 ta' Frar 2014 biex jinstemgħu l-pretensjonjiet tal-kredituri;

Rat illi dan id-digriet ġie ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta’ Dottor Tonio Grech nomine tat-23 ta’ Diċembru 2013 li permezz tiegħu talab li jiġi ammess fil-proċeduri odjerni u d-digriet tal-istess jum li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu filwaqt li rriservat ġudizzju fuq it-talbiet l-oħra tiegħu;

Rat il-kopja legali taċ-ċedola ta’ depożitu in kwistjoni għall-ammont imsemmi fir rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Frar 2014 li permezz tiegħu laqgħet it-talba ta’ Dr. Keith Borg nomine biex jiġi ammess jikkonkorri f’dawn il-proċeduri;

Rat it-talba ta’ Dr Cassar Pulicino nomine biex jiżbanka fil-mori tal-proċeduri parti mill-ammont pretiż minnu;

Rat id-digriet tat-2 ta’ April 2014 li permezz tiegħu l-Qorti awtorizżżatu jiżbanka s-somma ta’ żewġ miljun Ewro billi l-bilanċ kien biżżejjed biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-konkorrenti kollha;

Rat in-noti ġuramentati preżentati mill-partijiet f’dawn il-proċeduri;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw, u n-noti ppreżentati minn Dr. Grech , Dr. Mizzi, Dr. Borg u Dr. Cassar Pullicino;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-atti ta' dawn il-proċeduri, huma erbgħa l-kredituri li qed jikkonkorru, u ċjoe':

1. Ir-rikorrent **Dr Cassar Pullicino nomine** li jirrappreżenta lill-Bank Piraeus u li ħallset salarji dovuti lill-membri tal-ekwipaġġ u li ġew surrogati għall-istess u dan għall-ammont ta' €237,894; barra minn dan għandha kreditu ta' aktar minn tlieta u għoxrin miljun Euro li huwa kostitwit privileġġ speċjali skond l-artikolu 54A (3) peress li huwa garanti b'ipoteka navali kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-istess mandatarju fl-atti.

2. **Dr Grech** li jirrappreżenta kaptan u erba' enġiniera li qed jirreklamaw salarji; kif ukoll soċjeta' estera li għandha tieħu mingħand uffiċjali tal-ekwipaġġ għall-ispejjeż tar-rimpartiju;

3. **Dr Keith Borg** jirrappreżenta kumpanja estera illi għandha kreditu kanoniżżat mill-Qorti ta' Malta għal servizzi illi rrendiet lill-bastiment in kwistjoni; u

4. **Dr Joseph Mizzi** illi wkoll jirrappreżenta soċjeta' estera illi biegħet merkanzija lill-bastiment qabel ma dan daħal Malta; din ukoll ġiet kanoniżżata permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta.

Illi huwa evidenti li l-ammonti li Dr Cassar Pullicino nomine ħallas lill-membri tal-ekwipaġġ u li għalihom ġie surrogat u l-ammonti li Dr. Grech nomine għandu jitħallas għas-salarji tal-Kaptan u l-enġiniera jiggradaw qabel kull kreditu ieħor skont l-artikoli 50 u 54A tal-Kap. 234. L-unika kwistjoni hija jekk l-ammont dovut lill-aġenzija tal-ivjaġġar, li hija l-mandatarja ta' Dr. Grech ukoll , tikkwalifikax biex tkun pregradawata bl-istess manjiera; l-artikolu 50 (h) jgħid infatti li l-privileġġ akkordat minn dan l-artikolu japplika wkoll għall-

(h) *is-salarji u l-ammonti oħra dovuti lill-kaptan, uffiċjali u ekwipaġġ ieħor tal-bastiment, inkluża kull nefqa għal rimpatriju ….*

Illi l-Qorti wara li eżaminat il-provvediment imsemmi u l-atti tal-kawża jidhrilha li għalkemm huwa minnu li kif issottometta Dr Cassar Pullicino l-kreditriċi issa hija s-soċjeta' Taxidia Tourismos Anyland Limited li ħarġet il-biljetti u allura għandha tieħu dawn il-flus (€28,544), il-*mens legis* relattiv huwa li hija ukoll għandha tippregradwa għaliex il-liġi tgħid *'**kull** nefqa għar-rimpatriju'* u billi din is-soċjeta' kienet skont kif indikat fl-affidavits relattivi tal-uffiċjali tagħha, l-aġent tal-ivvjaġġar tal-bastiment kien id-dover tagħha li tirrimpatrija lill-ekwipaġġ, u allura ma jkunx ġust li wara li għamlet dan ma tkunx fl-istess pożizzjoni tal-istess membri tal-ekwipaġġ li a benefiċċju tagħhom jeżisti dan id-dritt. Għalhekk l-ammont kollu pretiż minn Dr Grech għandu jiggradwa mal-ammont li għalih ġie surrogat Dr Cassar Pulliicno. Il-Bank Piraeus billi għandha ipoteka navali, tiġi immedjatament wara, u kwindi l-krredituri l-oħra pari passu. Naturalment skond il-liġi **l-ewwel** għandhom jitħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni billi privileġġjati skond il-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tordna li l-kredituri in kwistjoni għandhom jiggradaw hekk bil-mod segwenti:**

1. **L-ewwel Grad, l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri mill-bidu tagħhom;**

2. **It-tieni grad *pari passu*, Dr Cassar Pullicino għal Piraeus Bank bħala surrogat tal-membri tal-ekwipaġġ għall-ammont ta' €237,894 u Dr. Tonio Grech għall-mandarji kollha tiegħu (ekwipaġġ u soċjeta' Taxidia Tourismos Anyland) għall-ammonti ta' €66,473 u €28,544 rispettivament;**

3. **It-tielet grad, Dr. Cassar Pullicino għan-nom ta’ Piraeus Bank għall-ammont ta’ €30,024,326[1] li huma muniti bl-ipoteki navali (*Mortgage D u E* fil-proċess);**
4. **Ir-raba’ grad pari passu Dr. Keith Borg nomine u Dr Joseph Mizzi nomine għall-ammonti kollha pretiżi minnhom;**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tar-rikorrenti Piraeus Bank li kif ġja’ ngħad għandhom jippregradwaw għal kull kreditu ieħor.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] liema ammont ġie mibdul b’digriet tas-6 ta’ Marzu 2015 biex jaqra €3,200,000 (a tenur tat-talba avvanzata fir-rikors promotor tal-istess Bank);